MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1699/2002

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Jane Carabott**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm129 (mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin) prezz ta' merkanzija mubjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Qieghed jigi mitlub li l-konvenuta tigi ikkundannat thallas lis-socjeta` attrici is-somma komplessiva ta' mija u disgha u ghoxrin lira (LM129), in kwantu ghas-somma ta' mija u ghoxrin lira (Lm120) prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' disa` liri (Lm9) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq dan l-ammont.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-ammont pretiz huwa esagerat;

Illi l-merkanzija mibjugha ma kienitx ta' kwalita` patwita, skond kif previst fl-artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-konvenuta qed tirrifjuta li thallas l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici stante li huwa esagerat, u l-oggett konsenjat ma kienx tal-kondizzjoni pattwita. Hija tinvoka l-Art 1390 tal-Kap 16.

Illi jibda biex jinghad li r-refrigerator ghadhu fil-pussess tal-konvenuta. La irritornatu lura u/jew wisq anqas f'kaz ta' rifjut ta' accetazzjoni, iddepozitatu taht l-Awtorita` tal-Onorabbli Qorti. Ma haditx passi gudizzjarji biex tirreklama dan. Lanqas ma talbet li taccetta r-refrigerator bi tnaqqis tal-prezz wara stima ta' esperti. Minn dana kollu, ma ghamlet xejn. Lanqas ma procediet quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur biex tissalvagwardja id-drittijiet taghha.

Rinfaccjat bin-nuqqas ta' azzjoni fil-konfront tas-socjeta` attrici l-istess konvenuta ma tistax tippretendi li zzomm l-oggett u ma thallasx.

Illi s-socjeta` attrici kienet gustifikata li tipprocedi ghal hlas.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannha thallas is-somma ta’ mija disgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm129) bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------